# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tallum il-Hamis 14 ta' Lulju 2016**

**Kawza Numru : 15**
**Rikors Guramentat Numru : 495/2016/LSO**

**Joseph Xuereb, ID 211064 ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` kummercjali Defiant Limited (C34350).**

**vs**

**Pasquale Fortunato**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph Xuereb *nomine* datat 22 ta' Gunju 2016 fejn espona: -

**Il-fatti li taw lok ghal dina l-kawza:**

1. Illi l-esponent *nomine* huwa l-propjetarju tal-fond 64, Rue D'Argens Street, Msida u dana kif jirrizulta mill-anness dokument JX1.

2. Illi l-esponent nomine kkonceda lill-intimat sabiex jokkupa l-imsemmi fond versu l-hlas ta' kumpens ghall-okkupazzjoni u l-hlas tas-servizzi fl-imsemmi fond.

3. Illi dina l-koncessjoni saret bil-fomm u bl-intiza cara illi meta l-esponent nomine jkollu bzonn il-fond hawn fuq imsemmi lura, l-intimat kellu jghaddi lura l-pussess tal-imsemmi fond b'mod immedjat.

4. Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex jizgombra mill-imsemmi fond izda baqa' nadempjenti.

5. Illi l-intimat ghadu fil-pussess esklussiv tal-fond 64, Rue D'Argens Street, Msida, u qieghed jirrifjuta li jivvaka mill-imsemmi fond b' mod immedjat.

6. Illi l-intimat llum qieghed jiddetjeni l-fond hawn fuq imsemmi minghajr titolu validu fill-ligi.

7. Illi l-esponent jaf bil-fatti kollha minnu dikjarati personalment.

**Ir-Raguni tat-Talbiet:**

Illi ghar-ragunijiet premessi r-rikorrent qieghed jintavola l-prezenti kawza sabiex jirriprendi lura l-pussess tal-imsemmi fond, b' riserva ghall-azzjoni ulterjuri ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni u oltre' l-hlas ta' ammonti ohra dovuti mill-intimat lill-esponent.

**Il-Talbiet:**

Illi *stante* li jezistu l-elementi ghall-procedura sommarja kontemplati fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponent nomine jitlob li l-kaz jigi deciz b'din il-procedura;

Illi konsegwentement l-esponent *nomine* jitlob lil din il-Qorti biex:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat qieghed jokkupa, jiddetjenu abbuzivament u minghajr titolu fil-ligi l-fond fuq indikat;

ii. Tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-imsemmi fond u dan, fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat;

iii. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Lulju 2016 fid-9:30am b'ordni lill-intimat biex

jidher f' dik il-gurnata u jwiegeb ghat-talba tar-rikorrenti u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Rat in-nota ta' l-intimat Pasquale Fortunato datata 13 ta' Lulju 2016 a fol 16 tal-process

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta tallum il-Hamis 14 ta' Lulju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Victor Bugeja ghall-atturi, prezenti Joseph Xuereb ghan-nom tas-socjeta` attrici u Dr Paul Cachia ghall-intimat prezenti. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw fil-prezenza tal-patrocinati taghhom, li lahqu ftehim, fis-sens li: l-intimat obbliga ruhu li jivvaka sal-31 ta' Ottubru 2016 b'dan illi l-partijiet iddikjaraw li m'ghadx ghandhom pretensjonijiet fil-konfront ta' xulxin u s-socjeta` rikkorrenti obbligat ruhha li ccedi l-atti tal-kawza quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar Nru 221/2016 u kwalunkwe mandat illi jista' jkun hemm pendenti. Illi din ic-cessjoni saret bil-kundizzjoni li l-intimat jivvaka *entro* t-terminu.

Id-difensuri tal-partijiet qablu dwar dawn il-kundizzjonijiet u talbu lil Qorti biex tinkorporahom bhala parti integrali mis-sentenza. Il-partijiet qablu li kull parti tbati l-ispejjez taghha f'dawn il-proceduri u fil-proceduri msemmija. Dr Cachia ddikjara li fhiem lill-intimat il-kundizzjonijiet kollha ta' dan il-ftehim billi l-intimat huwa ta' nazzjonalita` Taljana.

**Inghatat sentenza:**

Il-Qorti tilqa' t-talbiet u tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-fond in mertu fi zmien perentorju stabbilit sal-31 ta' Ottubru 2016 u ghandu jikkonsenja lill-attur fl-istess terminu c-cwievet u l-pussess battal.

Il-Qorti taghmel taghha l-kondizzjonijiet hawn fuq ivverbalizzati li ghandhom jaghmlu parti minn din is-sentenza.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Il-kawza giet deciza.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**14 ta' Lulju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Lulju 2016**